**2 ta' Ottubru, 1991**

**Imħallef: –**

**Onor. Anton Depasquale B.A., LL.D.**

Victor Tabone *noe*

*versus*

Peter Darmanin *et noe*

## Preskrizzjoni - Rinunzja Taċita ta' Direttur Wieħed ta' Soċjetà biżżejjed

*Għall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni huwa biżżejjed jekk jirriżulta illi r-rinunzja għall-preskrizzjoni saret minn almenu wieħed mill-konvenuti għaliex kull wieħed mill-konvenuti huwa direttur tas-soċjetà konvenuta.*

Il-Qorti: – Rat l-att ta' ċitazzjoni illi biħ l-attur, fil-kwalità tiegħu premessa wara illi ppremetta illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi ta' l-attur nomine fis-somma ta' ħames mitt lira (Lm500) rappreżentanti bilanċ ta' somma akbar prezz ta' appalt ta' xogħol ta' injam li sar fis-San Giuliano, liema appalt ġie mgħoti lis-soċjetà attriċi liema appalt is-soċjetà attriċi ma setatx effettivament tittermina minħabba li ġiet imwaqqfa mill-konvenuti nomine; illi nonostante li l-konvenuti ġew interpellati iħallsu huma baqgħu inadempjenti; talab għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenuti nomine iħallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm500 rappreżentanti bilanċ ta' somma

akbar prezz ta' appalt ta' xogħol ta' injam kif fuq spjegat; Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra bonarja tad-9 ta' Frar, 1988 u bil-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment kontra l-konvenuti nomine li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, fil-kwalità tagħhom premessa illi biha eċċepew, il lineja preliminari, illi t-talba odjerna hija **preskritta** a tenur tal-Artikolu **2149 (a)** tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta);

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti nomine;

Eżaminat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija:

Illi mhux kontestat bejn il-kontendenti illi din il-kawża tirrigwarda appalt mogħti mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi dwar xogħol ta' injam u illi l-aħħar xogħol relativ sar mis-soċjetà attriċi qabel it-8 ta' Mejju, 1987, fid-data tal-ftuħ tar-restaurant "San Giuliano" fejn ġie kollokat ix-xogħol;

Illi l-attur nomine qed jippretendi illi għandu jieħu mingħand is-soċjetà konvenuta is-somma ta' ħames mitt lira (Lm500), rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz tax-xogħol relativ illi

laħaq sar sakemm ġie terminat l-imsemmi appalt;

Illi m'hemmx dubju illi l-preskrizzjoni applikabbli għall-kas odjern hija dik ta' sentejn eċċepita mill-konvenuti nomine u kontemplata mill-artikolu 2149 (a) tal-Kodiċi Ċivili u illi dan it-terminu ta' sentejn beda jiddekorri mhux iżjed tard mit-8 ta' Mejju, 1987;

Illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fl-ewwel (1) ta' Mejju, 1990, jiġifieri ħafna aktar minn sentejn wara it-8 ta' Mejju, 1987;

Illi l-perijodu preskrittiv ta' sentejn dekorribbli mhux iżjed tard mit-8 ta' Mejju, 1987 ma jirriżultax illi ġie interrott, la permezz ta' att ġudizzjarju (**art. 2128**, Kap.16) u lanqas b'xi ħlas akkont tad-dejn (**art. 2134**, Kap. 16);

Illi għalhekk, jibqa' illi jiġi kkunsidrat jekk kienx hemm interruzzjoni da parti tas-soċjetà konvenuta ai termini ta' l-artikolu **2133** tal-Kodiċi Ċivili, Kap.16;

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomisjoni tal-konvenuti nomine, magħmula fil-paragrafu enumerat ħdax (11) tan-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom dwar il-ġestjar tas-soċjetà konvenuta skond l-istatut tagħha. Fil-fehma tal-Qorti, kwantu għall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ai termini taċ-ċitat artikolu 2133, Kap. 16, huwa biżżejjed jekk jirriżulta illi r-rinunzja għall-preskrizzjoni saret minn almenu wieħed mill-konvenuti għaliex kull wieħed mill-konvenuti huwa direttur tas-soċjetà konvenuta u, skond l-istatut ta' din is-soċjetà, "*Any director may represent the company in judicial proceedings*" u, konsegwentement, l-aġir ta' kull wieħed mill-konvenuti jorbot lis-soċjetà konvenuta

għar-rigward tal-proċeduri odjerni;

Illi fis-sentenza tas-17 ta' Novembru, 1951 tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet "Carmelo Micallef vs Brigadier John Bille Mc Cance *noe.*", konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell b'sentenza tat-30 ta' Mejju, 1952 (Vol. 36, Pt.I, p.133) jingħad hekk:

"Illi r-rikonjizzjoni interruttiva għar-*rinunzja* għall-preskrizzjoni kompita tista' tkun diretta u espressa, b'dikjarazzjoni formali tal-volontà li jiġi rikonoxxut id-dritt; tista' tkun diretta u taċita, b'fatti li fihom infushom immedjatament juru dik il-volontà; u tista' tkun indiretta jew preżunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibbli mal-volontà tal-preskriventi li jikkontesta l-eżistenza u l-eżerċizzju tad-dritt. Ir-rinunzja taċita hi kwistjoni tal-volontà preżunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi ruħu b'mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt";

Illi mill-provi prodotti ma jirriżultax illi hemm rinunzja, espressa jew taċita da parti tal-konvenut Peter Darmanin. Infatti dan il-konvenut baqa' dejjem jinsisti illi s-soċjetà konvenuta ma għandha tagħti xejn lis-soċjetà attriċi u fil-parti tad-deposizzjoni tiegħu rilevanti għall-kwistjoni in eżami xehed hekk (fol.17):

"Jiena nikkontendi li m'għandix *inħallas għax-xogħol* konsenjat mis-soċjetà attriċi għaliex dan ix-xogħol sar ħażin";

Illi, però, fil-fehma tal-Qorti l-attur *nomine* irnexxielu jipprova illi kien hemm rinunzja għall-prekrizzjoni da parti tal-konvenut Malcolm Craig anke fil-pendenza ta' dawn il-proċeduri;

Paul Tabone, illi assuma l-atti tal-kawża bħala attur b'nota ppreżentata fit-2 ta' Mejju, 1990 xehed hekk (fol.22 u 23):

"........... Dwar dan il-bilanċ (involut fil-kawża odjerna) jiena bqajt nitkellem mal-konvenut Malcolm Craig u hu kien jgħidli li ma jarax għaliex għandna nibqgħu nikkustinjaw. Huwa kien *jgħidli li nistgħu niftehmu. Dan id-diskors baqa' jgħiduli* anke fil-mori ta' din il-kawża";

Din il-parti tad-deposizzjoni ta' l-attur Paul Tabone ġiet ikkonfermata mill-istess konvenut Malcolm Craig illi, meta xehed fuq talba ta' l-attur, amplifika fuq dak illi qal l-attur, kif jidher mis-segwenti silta tad-deposizzjoni ta' l-istess Malcolm Craig (fol. 37 u 38);

"..... u jien tkellimt ma' l-attur Paul Tabone f'xi żewġ jew tlett okkażżjonijiet differenti, naf li ssemma li kien hemm xi somma ta' ħames mitt lira jew sitt mitt lira x'titħallas, u l-attur Paul Tabone kien qalli li ma kienx tħallas u jien kont għidtlu li kont ser inkellem lill-konvenut Darmanin u lil direttur ieħor tas-soċjetà konvenuta, Derek Fenech, u li nippruvaw nirrangaw;

Jien tkellimt mal-attur Paul Tabone **anke wara li bdiet din il-kawża;**

Il-fatt li saret din il-kawża, ma biddilx l-atteġġjament tiegħi għaliex jien jidhirli li għad hemm lok ta' ftehim;

L-idea tiegħi kienet li **niddiskutu** l-problema dwar l-allegati difetti **u naraw li wara li jittieħed kollox in kunsiderazzjoni, jkunx fadal xi ħaġa x'titħallas** lis-soċjetà **attriċi" (sottolinejar tal-Qorti).**

*Fil-fehma tal-Qorti il-fatt pruvat illi l-konvenut Malcolm* Craig għadu sal-lum irid illi jiġi stabbilit jekk is-soċjetà konvenuta hijiex debitriċi tas-soċjetà attriċi huwa inkompatibbli ma l-aġir ta' min jissoleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u jammonta għal **rinunzja taċita** ta' l-istess preskrizzjoni;

Għal dawn il-motivi:

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti nomine bl-ispejjes kontra tagħhom u tiddiferixxi l-kawża għat-trattazzjoni fil-mertu għas-seduta ta' l-għoxrin (20) ta' Novembru, 1991.